



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Jannar 2023  
(OR. en)

16024/22  
ADD 1  
LIMITE  
PV CONS 80  
AGRI 715  
PECHE 520

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
**(Agrikoltura u Sajd)**  
11 u 12 ta' Diċembru 2022

**WERREJ**

**Paġna**

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

**AGRIKOLTURA**

6. Is-sitwazzjoni tas-swieq, b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna.....	3
ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill.....	4

\*\*\*

## LAQGĦAT-TNEJN 12 TA' DIĊEMBRU 2022

### Attivitajiet mhux leġislattivi

#### AGRIKOLTURA

6. **Is-sitwazzjoni tas-swieq, b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna** 15475/1/22 REV 1  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni u l-Istati Membri*  
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni fis-swieq agrikoli ewlenin, kif ukoll tal-kummenti u t-talbiet tad-delegazzjonijiet u tat-tweġibiet tal-Kummissjoni.

---

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 15377/22****Dwar il-punt "A"  
nru 4:**

**Note Verbale lill-Istati Uniti tal-Amerka li tinnotifika d-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-ftehim dwar Galileo u GPS bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Istati Uniti tal-Amerka**  
*Approvazzjoni*

**DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA**

"Il-bażi għall-estensjoni, li għandha ssir permezz tal-iskambju tan-noti ppreżentati, hija d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1089 tas-27 ta' Ġunju 2022 dwar l-estensjoni tal-Ftehim dwar il-promozzjoni, il-provvista u l-użu ta' sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita ta' Galileo u tal-GPS u applikazzjonijiet relatati bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Amerka, min-naħa l-oħra. L-Awstrija tappoġġa l-estensjoni nnifisha. Madankollu, l-Awstrija tfakkar il-pożizzjoni tagħha li dan il-ftehim ġie konkluż min-naħa tal-Unjoni bħala ftehim "imħallat" tal-Komunità Ewropea (aktar tard l-Unjoni Ewropea) u tal-Istati Membri tagħha, u għalhekk għandu jibqgħu ftehim "imħallat" anke f'każ ta' kwalunkwe estensjoni. Dan huwa minnu wkoll għal kwalunkwe ftehim suċċessur fil-futur, dment li s-suġġett u s-sitwazzjoni legali essenzjalment jibqgħu l-istess. Il-ftehim ikopri wkoll kwistjonijiet relatati mas-sigurtà nazzjonali. Iżda b'mod partikolari, is-sigurtà nazzjonali hija r-responsabbiltà unika tal-Istati Membri (skont l-Artikolu 4(2) TUE), li jfisser li l-ftehim kien imissu ġie estiż bħala ftehim "imħallat". Il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea lanqas ma toffri interpretazzjoni kuntrarja tat-Trattati. Għal dawn ir-raġunijiet, l-Awstrija tivvota **kontra**."

**Dwar il-punt "A"  
nru 7:**

**Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat dwar id-Dwana stabbilit bil-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u Singapore**  
*Adozzjoni*

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

"Il-Kummissjoni tqis li d-Deċiżjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tkun indirizzata lill-Kummissjoni, u b'hekk tqis li l-emendi fl-Artikolu 2 mhumiex xierqa.

L-espressjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni f'korp stabbilit bi ftehim hija att ta' rappreżentazzjoni esterna tal-Unjoni li, f'konformità mal-Artikolu 17(1) TUE, hija l-prerogattiva istituzzjonali tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward."

**Ftehim mal-Brażil rigward il-modifiki tal-kwoti tariffarji tal-UE  
fl-iskeda tad-WTO wara l-Brexit**

**Dwar il-punt "A"  
nru 9:**

- a) **Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar**  
*Adozzjoni*
- b) **Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni**  
*Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew*

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

"Il-Kummissjoni tqis li d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-ftehim għandha tirreferi għall-persuna maħtura min-negozjatur bħala li hija awtorizzata tiffirma. Għalhekk, l-emendi li jipprevedu li l-President tal-Kunsill jaħtar il-persuna li għandha tiffirma l-ftehim f'isem l-Unjoni mhumiex f'konformità mat-Trattati.

L-atti kollha ta' rappreżentanza esterna fil-proċess tat-tfassil tat-trattati, inkluż l-iffirmar ta' ftehim internazzjonali u l-espressjoni sussegwenti tal-kunsens li wieħed jintrabat bih huma, f'konformità mal-Artikolu 17(1) TUE, il-prerogattivi istituzzjonali tal-Kummissjoni, bl-eċċezzjoni ta' tali atti li jappartjenu għal ftehimiet li jaqgħu esklussivament jew b'mod predominanti taħt il-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni. Meta l-Kummissjoni u attur ieħor maħtur mill-Kunsill jiffirmaw flimkien ftehim internazzjonali f'isem l-Unjoni, l-iffirmar tal-Kummissjoni biss jimpenja lill-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li prattika konsistenti mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni li mhix f'konformità mat-Trattati tal-UE 'ma tistax temenda r-regoli tat-Trattati li l-istituzzjonijiet huma obbligati josservaw' (il-Kawża C-687/15 Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, EU:C:2017:803, para. 42).

Filwaqt li ma topponix l-adozzjoni tal-emenda mill-Kunsill b'vot ta' maġġoranza kwalifikata, il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward."